MALTA

# QORTI CIVILI

# (SEZZJONI TAL-FAMILJA)

## ONOR. IMHALLEF

## ABIGAIL LOFARO

Seduta tat-22 ta' Mejju, 2014

Rikors Numru. 575/2013

**AB**

**-vs-**

**CD**

Il-Qorti:

Rat ir-rikors illi gie ikkonfermat bil-gurament mir-rikorrenti li *in forza* tieghu, wara li ppremetta :

1. Illi huwa u l-intimata CD izzewgu f'Malta fil-15 ta' Dicembru 1991 u huma it-tnejn residenti u domiciljati Malta. Kopja taccertifikat taz-zwieg huwa esebit bhala Dok A;
2. Illi minn dan iz-zwieg il-partijiet ma kellhomx tfal;
3. Illi huma ilhom mifrudin minn qabel ma ffirmaw il-kuntratt ta' separazzjoni konsenswali permezz ta' kuntratt fl-atti tan-Nutar Dr Marco Farrugia fis-6 ta' Mejju 2003. Kopja esebita bhala Dok B;
4. Illi l-partijiet kienu rrinunzjaw reciprokament ghal manteniment fil-kuntratt ta' separazzjoni personali skond il-klawsola numru 4;
5. Illi m'hemm l-ebda possibilita ta' rikonciljazzjoni bejn il-partijiet stante illi t-tnejn stabbilew relazzjoni ma terzi. Qieghed jigi pprezentat ukoll – Affidavit tal-esponenti bhala Dok C;

Talab sabiex li l-intimata tghid ghaliex din il-Qorti m'ghandhiex :

a. Tippronunzja id-divorzju bejn il-partijiet taht dawk il-provvedimenti xierqa u opportuni;
b. Tordna lir-Registratur tal-Qrati sabiex, fi zmien imholli ghal daqshekk mill-istess Qorti, javza lid-Direttur tar-Registru Pubbliku bil-hall taz-zwieg tal-partijiet biex dan jigi registrat skond il-ligi;

Rat id-dokumenti kollha illi gew esebiti;

Rat id-digriet taghha tal-10 ta' Dicembru, 2013;

Rat illi l-intimata debitament notifikata ma ipprezentatx risposta u ma dehritx ghal dawn il-proceduri;

Rat l-affidavit bix-xhieda tar-rikorrenti;

Rat l-Artikolu 66 B tal-Kap. 16 tal-Ligijiet ta' Malta;

Rat l-atti kollha;

Ikkunsidrat :

Illi l-Qorti rat li r-rikorrenti irnexxielu jissodisfa ir-rekwiziti kollha mehtiega mill-Ligi sabiex zwieg jigi mahlul u dana peress illi ipprova illi l-partijiet ilhom legalment separati mis-6 ta’ Mejju 2003, izda ilhom de facto separati ghal aktar minn erba’ snin;

Illi ir-rikorrenti ipprova illi ma hemm l-ebda prospett ragonevoli ta’ rikonciljazzjoni bejn il-partijiet u illi ma hemm l-ebda pendenzi fir-rigward ta’ hlas ta’ manteniment;

Ghaldaqstant, u ghar-ragunijiet fuq imsemmija, il-Qorti qeghda tilqa’ t-talbiet, tippronunzja il-hall taz-zwieg bejn il-partijiet u tordna lir-Registratur tal-Qrati sabiex, fi zmien xahar millum, javza lid-Direttur tar-Registru Pubbliku bid-divorzju tal-partijiet biex dan jigi registrat fir-Registru Pubbliku;

Il-Qorti tordna illi l-ispejjez jibqghu bla taxxa bejn il-partijiet.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------